

# Il-Ġurnal Uffiċjali

## L 42

### tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 65

23 ta' Frar 2022

Werrej

#### II Atti mhux leġiżlattivi

##### REGOLAMENTI

- ★ **Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/255 tal-15 ta' Diċembru 2021 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 95/93 fir-rigward tal-estensjoni ta' miżuri għall-eżenzjoni temporanja mir-regoli dwar l-użu tas-slots minħabba l-kriżi tal-COVID-19** ..... 1
- ★ **Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/256 tat-22 ta' Frar 2022 li jemenda r-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-ħruġ ta' ċertifikati tal-fejqan ibbażati fuq testijiet rapidi tal-antiġeni <sup>(1)</sup>** ..... 4

##### DEĊIŻJONIJIET

- ★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/257 tal-21 ta' Frar 2022 li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/641 li tikkonċerna ċerti miżuri protettivi marbuta ma' tifqigħat ta' influwenza tat-tjur b'livell patoġeniku għoli f'ċerti Stati Membri (notifikata bid-dokument C(2022) 1152) <sup>(1)</sup>** ..... 9
- ★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/258 tal-21 ta' Frar 2022 li tagħti deroga lir-Repubblika Ellenika minn ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2019/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u tad-Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' Kreta (notifikata bid-dokument C(2022) 1140) <sup>(1)</sup>** ..... 92

<sup>(1)</sup> Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agricoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat. It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.



## II

(Atti mhux leġiżlattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/255

tal-15 ta' Diċembru 2021

**li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 95/93 fir-rigward tal-estensjoni ta' miżuri għall-eżenzjoni temporanja mir-regoli dwar l-użu tas-slots minħabba l-kriżi tal-COVID-19**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 95/93 tat-18 ta' Jannar 1993 dwar regoli komuni għall-allokazzjoni ta' slots f'ajruporti tal-Komunità <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 10a(5) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-livelli tat-traffiku tal-ajru fiż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) kienu konsistentement ogħla fl-2021, meta mqabbla mal-istess ġimgħat fl-2020 wara l-bidu tal-kriżi tal-COVID-19, u dan juri li l-irkupru qiegħed ikompli. Skont it-tbassir tal-Eurocontrol, it-traffiku medju annwali tal-ajru huwa mistenni li jilħaq 89 % fl-2022, abbażi tal-aktar xenarju realistiku ta' tbassir.
- (2) It-traffiku tal-ajru ma huwiex qiegħed jirkupra bl-istess rata fir-reġjuni kollha tad-dinja u f'numru ta' pajjiżi għadhom jeżistu miżuri sanitarji restrittivi adottati mill-awtoritajiet pubbliċi sabiex itaffu t-tixrid tal-COVID-19, u jkomplu jnaqqsu d-domanda tal-konsumaturi. Barra minn hekk, l-evoluzzjoni tal-COVID-19 u ta' varjanti ġodda possibbli ta' tħassib tibqa' waħda inċerta.
- (3) Ċirkostanzi bħal dawn huma barra mill-kontroll tat-trasportaturi tal-ajru u l-kanċellazzjonijiet volontarji jew obbligatorji konsegwenti tas-servizzi tal-ajru mit-trasportaturi tal-ajru f'konformità mad-domanda li qiegħda tevolvi huma reazzjoni meħtieġa jew leġittima għal dawk iċ-ċirkostanzi.
- (4) Skont l-Artikolu 8(2) tar-Regolament (KEE) Nru 95/93, li jinqara flimkien mal-Artikolu 10(2), it-trasportaturi tal-ajru jeħtieġ li jużaw mill-anqas 80 % ta' serje ta' slots allokatilhom, jew jutilfu l-preċedenza storika għal dawk is-slots, magħrufa bħala r-regola "tużah jew titilfu". Fid-dawl tal-kriżi tal-COVID-19, u sabiex tiġi protetta s-saħħa finanzjarja tat-trasportaturi tal-ajru u jiġi evitat l-impatt ambjentali negattiv ta' titjiriet vojta jew fil-biċċa l-kbira vojta operati biss għall-finijiet taż-żamma ta' slots tal-ajruporti sottostanti, ir-regola "tużah jew titilfu" ġiet sospiża mill-1 ta' Marzu 2020 sas-27 ta' Marzu 2021, u mnaqqsa għal 50 % mit-28 ta' Marzu 2021 sas-26 ta' Marzu 2022.
- (5) Minkejja żieda kontinwa fil-livelli tat-traffiku tal-ajru taż-ŻEE fl-2021, dawn għadhom taħt il-livelli tat-traffiku tal-2019. Id-*data* tal-Eurocontrol turi li f'Ottubru tal-2021, it-traffiku tal-ajru kien b'mod ġenerali 27 % taħt il-livelli tal-2019.
- (6) Abbażi tat-tbassir ta' seba' snin tal-Eurocontrol tal-15 ta' Ottubru 2021, taħt l-aktar xenarju probabbli, il-livelli tat-traffiku fl-2022 se jilhqqu medja annwali ta' 89 % tal-livelli korrispondenti tal-2019. Abbażi tat-tbassir disponibbli ta' kull xahar tal-Eurocontrol għall-2021 u l-medja annwali disponibbli tal-Eurocontrol għall-2022, it-traffiku tal-ajru matul il-perjodu ta' skedar tas-sajf tal-2022 huwa mistenni li jkun bejn 85 % u aktar minn 89 % tal-livelli tal-2019. Madankollu, il-livelli tal-2019 jinkisbu biss sa tmiem l-2023. Għalhekk, huwa raġonevoli li wieħed jassumi li t-tnaqqis meta mqabbel mal-livelli tat-traffiku tal-ajru tal-2019 x'aktarx jippersisti matul il-perjodu ta' skedar tas-sajf tal-2022.

<sup>(1)</sup> ĠUL 14, 22.1.1993, p. 1.

- (7) Id-*data* miġbura mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) u miċ-Ċentru Ewropew għall-Kontroll tal-Mard (ECDC) turi li t-tnaqqs persistenti tat-traffiku tal-ajru huwa r-riżultat tal-impatt tal-kriżi tal-COVID-19. Id-*data* disponibbli turi korrelazzjoni bejn in-numri ta' każijiet li qegħdin jevolvu u r-reazzjonijiet tal-Istati Membri u ta' pajjiżi terzi għal dawk in-numri li qegħdin jevolvu, billi jadottaw miżuri li għandhom impatt fuq l-ivvjaġġar bl-ajru, u jirriżultaw fi tnaqqis fit-traffiku tal-ajru. Miżuri bħal dawn, li jistgħu jiġu implimentati jew jitneħħew fi żmien qasir ħafna, jikkontribwixxu għal atmosfera ta' inċertezza u jħallu impatt negattiv fuq il-fiduċja tal-konsumatur u l-imġiba tal-prenotazzjonijiet. It-tnaqqs persistenti tat-traffiku tal-ajru huwa r-riżultat tal-impatt tal-kriżi tal-COVID-19.
- (8) Filwaqt li d-*data* mill-ECDC tat-30 ta' Settembru 2021 turi li 61,1 % tal-popolazzjoni totali fiż-ŻEE tlaqqmet għal kollox, id-*data* mis-sit web tad-WHO turi li r-rata ta' tilqim f'numru kbir ta' pajjiżi għadha baxxa. Barra minn hekk, tibqa' l-inċertezza dwar il-possibbiltà li joħorġu varjanti ġodda ta' tħassib f'reġjuni differenti. Għalhekk, il-livelli tat-traffiku tal-ajru ma humiex se jirkupraw bl-istess rata fuq livell globali.
- (9) L-Istati Membri u l-pajjiżi terzi jistgħu jkomplu jirrispondu għal varjanti ġodda billi jimponu miżuri li jista' jkollhom impatt sinifikanti fuq l-ivvjaġġar bl-ajru. Għalhekk huwa raġonevoli li xorta waħda wieħed jistenna numru sinifikanti ta' kanċellazzjonijiet, b'mod partikolari fuq rotot lejn pajjiżi b'miżuri sanitarji stretti ħafna jew fejn ir-rati ta' tilqim jibqgħu baxxi, bħala konsegwenza tal-kriżi tal-COVID-19 matul il-perjodu ta' skedar tas-sajf li ġej. B'riżultat ta' dan, it-trasportaturi tal-ajru ma jistgħux ikunu mistennija li jikkonformaw mar-rata normali ta' użu tas-slots ta' 80 % fuq ir-rotot kollha.
- (10) Għalhekk huwa meħtieġ li jiġi estiż il-perjodu stabbilit fl-Artikolu 10a(3) tar-Regolament (KEE) Nru 95/93 sabiex ikopri l-perjodu ta' skedar tas-sajf tal-2022 li jibda mis-27 ta' Marzu 2022 sad-29 ta' Ottubru 2022.
- (11) Id-*data* dwar il-kanċellazzjonijiet tat-titjiriet, il-fatturi tat-tagħbija, id-daqs tal-flotta u l-użu varjat ħafna bejn it-trasportaturi tal-ajru individwali skont il-mudell tan-negozju tagħhom u s-suq moqdi. Bħala medja setgħet tiġi mnotata xejra ta' titjib minn Marzu 2021 sa Lulju 2021 abbażi tad-*data* sottomessa għal 16-il trasportatur tal-Unjoni u għal 16-il trasportatur mhux tal-Unjoni. It-trasportaturi tal-ajru li jipprovdu operazzjonijiet fuq rotot fit-tul affettwati minn miżuri sanitarji li jimpedixxu b'mod sever l-ivvjaġġar tal-passiġġieri, urew xejra anqas pożittiva fl-indikaturi mmonitorjati, u dan jiġġustifika ulterjorment l-estensjoni tal-perjodu ta' eżenzjoni mis-slots stabbilit fl-Artikolu 10a(3).
- (12) Is-sinjali ġenerali inkoraġġanti ta' rkupru tal-ivvjaġġar bl-ajru fis-suq taż-ŻEE, il-ftuħ mill-ġdid ta' swieq internazzjonali importanti (pereżempju l-Istati Uniti tal-Amerka minn Novembru 2021) u ż-żieda fl-iffaċilitar tal-ivvjaġġar dovuta f'pajjiżi li jirrikonossu ċ-ċertifikat tal-COVID-19, jiġġustifikaw żieda fir-rata tal-użu tas-slots għal 64 %.
- (13) Id-*data* dwar prenotazzjonijiet bil-quddiem tindika li l-passiġġieri għadhom jipprenotaw titjiriet eqreb lejn id-*data* tat-tluq fl-2021, milli għamlu fl-2019. Madankollu, ix-xejra qiegħda titjeb gradwalment.
- (14) Ir-rata tal-użu tas-slots jenħtieġ li tiġi stabbilita flivell li jikkontribwixxi għall-oġġettiv li tingħata għajnuma lit-trasportaturi tal-ajru fiċ-ċirkostanzi attwali, iżda wkoll għall-oġġettiv li jiġi żgurati użu effiċjenti tal-kapaċità tal-ajruporti. Ir-rata tal-użu tas-slots jenħtieġ li tqis ukoll bidliet strutturali aktar fit-tul fl-imġiba tas-suq u tal-konsumatur, sabiex is-suq ikun jista' jadatta gradwalment għad-domanda li qiegħda tinbidel u jiftaħ l-aċċess għall-kapaċità għall-perjodu ta' skedar tas-sajf tal-2023. Barra minn hekk, ir-rilaxx possibbli ta' xi kapaċità tal-ajruport minħabba din ir-rata ta' użu ġdida x'aktarx li ma jikkawżax tfixkil serju fl-operazzjonijiet u fin-networks tat-trasportaturi tal-ajru, filwaqt li rata ta' użu ogħla tfixkilhom.
- (15) L-aktar xenarju probabbli tat-tbassir tat-traffiku tal-ajru tal-Eurocontrol jistabbilixxi l-livell tat-traffiku tal-ajru fil-perjodu ta' skedar tas-sajf tal-2022 flivell ogħla minn 85 % u possibbilment jaqbeż id-89 %. Għalhekk, ir-rata tal-użu ta' 64 %, għadha tagħti lit-trasportaturi tal-ajru marġni ta' kontinġenza raġonevoli f'każ li t-titjiriet ippjanati jkollhom jiġu kkanċellati fi żmien qasir.
- (16) Il-livelli aktar baxxi tat-traffiku tal-ajru għal reġjuni globali oħra ma għandhomx għalfejn jiġu kkunsidrati fir-rata tal-użu billi tista' tingħata eżenzjoni adegwata mir-regola "tużah jew titilfu" fuq rotot affettwati bħal dawn skont il-punt (e) tal-Artikolu 10(4) tar-Regolament (KEE) Nru 95/93.
- (17) Filwaqt li huwa ġeneralment preżunt li t-trasportaturi tal-ajru joperaw malli terġa' tiżdied id-domanda, limitu ta' użu aktar baxx joħloq ir-riskju li xi trasportaturi jistgħu jillimitaw l-operazzjonijiet f'xi ajruporti għall-minimu meħtieġ biss għall-fini li jżommu d-drittijiet storiċi f'dawk is-slots għad-detriment tal-kompetituri, tal-operaturi tal-ajruporti u tal-konsumaturi. Rata ta' użu ta' 64 % se ttaffi dawn ir-riskji.

- (18) Għall-finijiet taċ-ċertezza legali, b'mod partikolari għall-koordinaturi tas-slots u għall-operaturi tal-ajru, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ b'urġenza fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### *Artikolu 1*

Fl-Artikolu 10a tar-Regolament (KEE) Nru 95/93, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“3. Fir-rigward tas-slots li ma kinux saru disponibbli għall-koordinatur għar-riallokazzjoni f'konformità mal-Artikolu 10(2a), matul il-perjodu mit-28 ta' Marzu 2021 sad-29 ta' Ottubru 2022 u għall-finijiet tal-Artikolu 8(2) u l-Artikolu 10(2), jekk trasportatur tal-ajru juri, għas-sodisfazzjon tal-koordinatur, li s-serje ta' slots inkwistjoni ġiet operata, kif awtorizzata mill-koordinatur, minn dak it-trasportatur tal-ajru għal mill-anqas 50 % tal-ħin matul il-perjodu ta' skedar mit-28 ta' Marzu 2021 sat-30 ta' Ottubru 2021, 50 % tal-ħin matul il-perjodu ta' skedar mill-31 ta' Ottubru 2021 sas-26 ta' Marzu 2022, u 64 % tal-ħin matul il-perjodu ta' skedar mis-27 ta' Marzu 2022 sad-29 ta' Ottubru 2022, it-trasportatur tal-ajru għandu jkun intitolat għall-istess serje ta' slots għall-perjodu ta' skedar ekwivalenti li jmiss.

Fir-rigward tal-perjodu msemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, il-valuri perċentwali msemmija fl-Artikolu 10(4) u fil-punt (a) tal-Artikolu 14(6) għandhom ikunu ta' 50 % għall-perjodu ta' skedar mit-28 ta' Marzu 2021 sat-30 ta' Ottubru 2021, 50 % għall-perjodu ta' skedar mill-31 ta' Ottubru 2021 sas-26 ta' Marzu 2022, u 64 % għall-perjodu ta' skedar mis-27 ta' Marzu 2022 sad-29 ta' Ottubru 2022.

#### *Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Diċembru 2021.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Ursula VON DER LEYEN

## REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/256

tat-22 ta' Frar 2022

**li jemenda r-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-ħruġ ta' ċertifikati tal-fejqaq ibbażati fuq testijiet rapidi tal-antiġeni**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati COVID-19 interoperabbli tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqaq (Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE) għall-faċilitazzjoni tal-moviment liberu waqt il-pandemija tal-COVID-19 <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(4) u (7) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2021/953 jistipula qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati COVID-19 interoperabbli tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqaq ("Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE") għall-fini tal-faċilitazzjoni tal-eżerċizzju mid-detenturi tad-dritt tagħhom għall-moviment liberu matul il-pandemija tal-COVID-19. Huwa jikkontribwixxi wkoll għall-faċilitazzjoni tat-tneħħija gradwali tar-restrizzjonijiet fuq il-moviment liberu stabbiliti mill-Istati Membri, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, biex jiġi limitat it-tixrid tas-SARS-CoV-2, b'mod ikkoordinat.
- (2) Skont l-Artikolu 3(1)(c) tar-Regolament (UE) 2021/953, il-qafas taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE jippermetti l-ħruġ, il-verifika transfruntiera u l-aċċettazzjoni ta' ċertifikat li jikkonferma li, wara riżultat pożittiv ta' test ta' amplifikazzjoni tal-aċidu nukleju (NAAT) imwettaq minn professjonisti tas-saħħa jew minn persunal tal-ittestjar imħarreġ, id-detentur ikun fieq minn infezzjoni tas-SARS-CoV-2 (ċertifikat tal-fejqaq).
- (3) F'Mejju 2021, il-Kumitat għas-Sigurtà tas-Saħħa, stabbilit permezz tal-Artikolu 17 tad-Deċizzjoni Nru 1082/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(2)</sup>, waqqaf grupp ta' ħidma tekniku dwar it-testijiet dijanjostiċi tal-COVID-19 <sup>(3)</sup>, li jlaqqa' flimkien esperti mill-Istati Membri u min-Norveġja kif ukoll rappreżentanti mill-Kummissjoni u miċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (European Centre for Disease Prevention and Control, ECDC).
- (4) L-għan ta' dak il-grupp ta' ħidma tekniku huwa li jeżamina l-proposti mressqa mill-Istati Membri u l-manifatturi tat-testijiet rapidi tal-antiġeni tal-COVID-19 li jiġu inklużi fil-lista komuni tal-UE ta' testijiet rapidi tal-antiġeni maqbula mill-Kumitat għas-Sigurtà tas-Saħħa <sup>(4)</sup>. F'konformità mal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament (UE) 2021/953, huma biss it-testijiet rapidi tal-antiġeni tal-COVID-19 inklużi f'dik il-lista li fuqhom jista' jkun ibbażat il-ħruġ ta' ċertifikat tat-test fil-format taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE. Il-grupp ta' ħidma tekniku jivvaluta dawn il-proposti skont il-kriterji stabbiliti mir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Jannar 2021 <sup>(5)</sup>, kif ukoll il-kriterji ulterjuri li l-grupp qabel dwarhom fil-21 ta' Settembru 2021. Wieħed mill-kriterji miftiehma kien rata ta' speċifità miżjuda ta' aktar minn 98 %.
- (5) Il-lista komuni tal-UE tinkludi testijiet rapidi tal-antiġeni bil-marka CE li jintużaw u li ġew ivalidati f'mill-inqas Stat Membru wieħed, u li l-prestazzjoni klinika tagħhom tkejt abbażi ta' kampjuni miġbura minn eżemplar nażali, orofaringeali jew nażofarinġali. F'Lulju 2021, il-grupp ta' ħidma tekniku qabel li jeskludi mil-lista t-testijiet rapidi tal-antiġeni li huma bbażati biss fuq materjali ta' kampjunar oħrajn, bħall-bżieq, sputum, demm jew rawt. Barra minn hekk, il-lista ta' testijiet tal-antiġeni la tinkludi testijiet rapidi tal-antiġeni miġbura flimkien u lanqas awtotestijiet rapidi tal-antiġeni. Il-lista tinkludi biss testijiet rapidi tal-antiġeni mwettqa minn persunal tal-kura tas-saħħa mħarreġ jew, fejn xieraq, operaturi mħarrega, u dan ikompli jżid il-konsistenza probabbli tal-prestazzjoni tat-testijiet inklużi fil-lista.

<sup>(1)</sup> ĠU L 211, 15.6.2021, p. 1.

<sup>(2)</sup> Id-Deċizzjoni Nru 1082/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar theddid transkonfinali serju għas-saħħa u li tħassar id-Deċizzjoni Nru 2119/98/KE (ĠU L 293, 5.11.2013, p. 1).

<sup>(3)</sup> [https://ec.europa.eu/health/health-security-and-infectious-diseases/crisis-management/covid-19-diagnostic-tests\\_mt](https://ec.europa.eu/health/health-security-and-infectious-diseases/crisis-management/covid-19-diagnostic-tests_mt)

<sup>(4)</sup> [https://ec.europa.eu/health/system/files/2022-02/covid-19\\_rat\\_common-list\\_en.pdf](https://ec.europa.eu/health/system/files/2022-02/covid-19_rat_common-list_en.pdf)

<sup>(5)</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Jannar 2021 dwar qafas komuni għall-użu u l-validazzjoni ta' testijiet rapidi tal-antiġeni u r-rikonnoxximent reċiproku tar-riżultati tat-testijiet tal-COVID-19 fl-UE (ĠU C 24, 22.1.2021, p. 1).

- (6) Jekk il-grupp ta' ħidma tekniku jqis li hu meħtieġ li tiġi aġġornata l-lista komuni tal-UE, tiġi ppreżentata proposta lill-Kumitat għas-Sigurtà tas-Saħħa għal qbil. Il-grupp ta' ħidma tekniku għalhekk stabbilixxa proċedura strutturata, koerenti u rapida għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni klinika tat-testijiet rapidi tal-antiġeni li ġew ivalidati permezz ta' studji ta' evalwazzjoni indipendenti, li jirriżulta f'aġġornament tal-lista komuni tal-UE mill-inqas darba fix-xahar.
- (7) Fil-11 ta' Jannar 2022, il-grupp ta' ħidma tekniku dwar it-testijiet dijanjostiċi tal-COVID-19 iddiskuta l-użu tat-testijiet rapidi tal-antiġeni għaċ-ċertifikati tal-fejqan, filwaqt li kkunsidra s-sitwazzjoni epidemjoloġika li marret għall-aġġornament, b'numri rekord ta' każijiet tal-COVID-19 minħabba l-varjant ta' tħassib "Omicron", kif ukoll minħabba nuqqas ta' kapaċitajiet NAAT f'diversi Stati Membri bħala riżultat ta' domanda għolja għall-ittestjar. Fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkostanzi, il-grupp ta' ħidma tekniku qabel li t-testijiet rapidi tal-antiġeni inklużi fil-lista komuni tal-UE jistgħu jintużaw għall-ħruġ ta' ċertifikati tal-fejqan. Il-grupp ta' ħidma tekniku enfasisza li huma biss ir-riżultati tat-testijiet rapidi tal-antiġeni mwettqa minn professjonisti mediċi jew persunal imħarreġ ieħor li għandhom jintużaw biex jinħarġu tali ċertifikati.
- (8) L-ECDC iqis li testijiet rapidi tal-antiġeni vvalidati kif xieraq li jissodisfaw kriterji ta' speċifità għolja ta' aktar minn 98 % jistgħu jintużaw biex jiġi ċċertifikat li persuna tkun fieqet minn infezzjoni mgħoddija bis-SARS-CoV-2 <sup>(9)</sup>. Aktar ma tkun għolja l-ispeċifità, aktar tkun għolja l-validità tat-test li għandha tintuża għaċ-ċertifikazzjoni ta' individwu mfejjaq.
- (9) B'riżultat ta' dan, u fuq il-bażi ta' konsultazzjonijiet ulterjuri mal-Kumitat għas-Sigurtà tas-Saħħa, huwa xieraq li jiġi emendat ir-Regolament (UE) 2021/953 biex jipprevedi li ċ-ċertifikati tal-fejqan jistgħu jinħarġu wkoll wara riżultat pożittiv ta' test rapidu tal-antiġeni elenkat fil-lista komuni tal-UE u mwettaq minn professjonisti tas-saħħa jew minn persunal tal-ittestjar imħarreġ mill-Istat Membru fejn ikun twettaq it-test. It-test rapidu tal-antiġeni użat għandu jkun inkluż fil-lista komuni tal-UE fiż-żmien meta joħroġ ir-riżultat tat-test, u t-tneħħija sussegwenti possibbli mil-lista komuni tal-UE ma għandhiex taffettwa l-validità taċ-ċertifikati tal-fejqan diġà maħruġa.
- (10) F'dan il-kontest, huwa meħtieġ li jittieħed f'kunsiderazzjoni li l-istrateġiji tal-ittestjar għall-COVID-19 ivarjaw bejn l-Istati Membri, u li mhux l-Istati Membri kollha qed jesperjenzaw nuqqas ta' kapaċitajiet ta' NAAT. Il-ħruġ ta' ċertifikati tal-fejqan wara riżultat pożittiv ta' test rapidu tal-antiġeni għandu għalhekk jibqa' fakultattiv. B'mod partikolari, jekk tkun disponibbli kapaċità NAAT suffiċjenti, l-Istati Membri jistgħu jkomplu joħorġu ċertifikati tal-fejqan biss abbażi ta' testijiet NAAT, li jitqiesu bħala l-aktar metodoloġija affidabbli għall-ittestjar tal-każijiet ta' COVID-19 u l-kuntatti. B'mod simili, l-Istati Membri jistgħu joħorġu ċertifikati tal-fejqan fuq il-bażi ta' testijiet rapidi tal-antiġeni matul perjodi ta' żieda fl-infezzjonijiet tas-SARS-CoV-2 u domanda għolja għat-testijiet jew nuqqas ta' kapaċità ta' NAAT, u jistgħu jirritornaw għall-ħruġ ta' ċertifikati tal-fejqan abbażi ta' testijiet NAAT biss ladarba l-infezzjonijiet jonqsu. Fl-istess ħin, huwa importanti li ċ-ċittadini jkunu jistgħu jiksbu ċertifikati tal-fejqan meta jkunu ttestjaw pożittivi għas-SARS-CoV-2.
- (11) F'konformità mal-Artikolu 7(8) tar-Regolament (UE) 2021/953, jekk l-Istati Membri jaċċettaw prova tal-fejqan mill-infezzjoni bis-SARS-CoV-2 għad-deroga mir-restrizzjonijiet għall-moviment liberu fis-seħħ, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, biex ikun limitat it-tixrid tas-SARS-CoV-2, dawn huma meħtieġa jaċċettaw, bl-istess kundizzjonijiet, iċ-ċertifikati tal-fejqan maħruġa minn Stati Membri oħra. Wara l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament, l-Artikolu 7(8) tar-Regolament (UE) 2021/953 għalhekk ikopri wkoll iċ-ċertifikati tal-fejqan maħruġa wara riżultat pożittiv ta' test rapidu tal-antiġeni elenkat fil-lista komuni tal-UE ta' testijiet tal-antiġeni tal-COVID-19 maqbula mill-Kumitat għas-Sigurtà tas-Saħħa, imwettqa minn professjonisti tas-saħħa jew minn persunal tal-ittestjar imħarreġ, anki jekk l-Istat Membru kkonċernat innifsu ma joħroġx ċertifikati tal-fejqan ibbażati fuq dawn it-testijiet.
- (12) Ir-Regolament (UE) 2021/953 jenħtieġ għalhekk li jiġi emendat skont dan.
- (13) Sabiex jiġi ffaċilitat il-moviment liberu, b'mod partikolari taċ-ċittadini li jkunu ġew infettati waqt il-mewġa tal-Omicron, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu joħorġu ċertifikati tal-fejqan b'mod retroattiv, jiġifieri fuq il-bażi ta' testijiet rapidi tal-antiġeni mwettqa mill-1 ta' Ottubru 2021, dment li t-test rapidu tal-antiġeni kkonċernat ikun inkluż fil-lista komuni tal-UE fiż-żmien li ħareġ ir-riżultat tat-test. Mill-1 ta' Ottubru 2021, it-testijiet rapidi tal-antiġeni kollha inklużi fil-lista komuni tal-UE ġew ivalidati skont id-definizzjonijiet, l-ambitu, il-kunsiderazzjonijiet u l-kriterji ulterjuri li kienu ġew miftiehma mill-Kumitat għas-Sigurtà tas-Saħħa fil-21 ta' Settembru 2021. Barra minn hekk, dan il-ħruġ retroattiv ikopri wkoll il-perjodu meta l-emerġenza ta' Omicron wasslet għal żieda fl-infezzjonijiet tas-SARS-CoV-2 fl-UE, li wassal għal domanda għolja għal testijiet u kapaċitajiet tan-NAAT batuti. Il-ħruġ retroattiv jista' jsir fuq il-bażi ta' *data* rreġistrata fir-rekords tal-kura tas-saħħa tal-Istati Membri jew inkella ċertifikat tat-test maħruġ fil-format taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE.

<sup>(9)</sup> <https://www.ecdc.europa.eu/sites/default/files/documents/Options-for-the-use-of-rapid-antigen-tests-for-COVID-19-first-update.pdf>

- (14) Skont l-Artikoli 3(10) u 8(2) tar-Regolament (UE) 2021/953, iċ-ċertifikati tal-fejqan koperti minn att ta' implimentazzjoni adottat skont dawn id-dispożizzjonijiet iridu jiġu aċċettati bl-istess kundizzjonijiet bħaċ-Ċertifikati COVID Diġitali tal-UE. Għaldaqstant, dawn iċ-ċertifikati għandhom jiġu aċċettati jekk jinħarġu wara riżultat pożittiv ta' test NAAT jew test rapidu tal-antiġeni elenkat fil-lista komuni tal-UE tat-testijiet tal-antiġeni tal-COVID-19 maqbula mill-Kumitat għas-Sigurtà tas-Saħħa, li t-tnejn li huma għandhom jitwettqu minn professjonisti tas-saħħa jew minn persunal tal-ittestjar imħarreġ.
- (15) Skont l-Artikolu 7(7) tar-Regolament (UE) 2021/953, meta, fil-każ ta' evidenza xjentifika emerġenti ġdida, ikun hemm raġunijiet imperattivi ta' urġenza li jkunu jirrikjedu hekk, il-proċedura ta' urġenza prevista fl-Artikolu 13 ta' dak ir-Regolament tapplika għall-atti delegati adottati skont l-Artikolu 7(4).
- (16) Kif ġie nnotat mill-ECDC kif ukoll mill-grupp ta' ħidma tekniku dwar it-testijiet dijanjostiċi tal-COVID-19, il-valur ta' previżjoni tat-test rapidu tal-antiġeni huwa l-ogħla f'ambjenti fejn il-prevalenza tas-SARS-CoV-2, jiġifieri l-għadd ta' każijiet f'ċertu mument, tkun għolja, u jista' jkun hemm riżultati pożittivi foloz meta l-prevalenza tkun baxxa. Filwaqt li, b'riżultat tal-emerġenza ta' Omicron, il-virus bħalissa qed jiċċirkola f'livelli għoljin ħafna, iċ-ċirkolazzjoni tista' tonqos matul ix-xhur li ġejjin. Għalhekk huwa meħtieġ għall-Kummissjoni, bl-għajjnuna tal-ECDC, tal-Kumitat għas-Sigurtà tas-Saħħa u tal-grupp ta' ħidma tekniku tagħha dwar it-testijiet dijanjostiċi tal-COVID-19, li ssegwi dawn l-iżviluppi mill-qrib.
- (17) Sabiex jiġi żgurat li, fid-dawl ta' evidenza xjentifika emerġenti ġdida dwar l-affidabbiltà tat-testijiet rapidi tal-antiġeni, iċ-ċittadini tal-Unjoni jkunu jistgħu, meta jeżerċitaw il-moviment liberu, japprofittaw mill-possibbiltà li jużaw ċertifikati tal-fejqan maħruġa abbażi ta' testijiet rapidi tal-antiġeni malajr kemm jista' jkun, ir-raġunijiet imperattivi ta' urġenza jeħtieġu l-użu tal-proċedura prevista fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2021/953. Id-dewmien ta' azzjoni immedjata jaggrava wkoll ir-riskju li iċ-ċittadini ma jkunux jistgħu jirċievu ċertifikati tal-fejqan minħabba n-nuqqas ta' NAAT bħala riżultat tal-mewġa Omicron.
- (18) Minħabba l-urġenza tas-sitwazzjoni relatata mal-pandemija tal-COVID-19, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) 2021/953 huwa emendat kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 3(1), il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(c) ċertifikat li jikkonferma li, wara riżultat pożittiv ta' test NAAT, jew test rapidu tal-antiġeni elenkat fil-lista komuni tal-UE ta' testijiet tal-antiġeni tal-COVID-19 maqbula mill-Kumitat għas-Sigurtà tas-Saħħa, imwettaq minn professjonisti tas-saħħa jew minn persunal tal-ittestjar imħarreġ, id-detentur ikun fieq minn infezzjoni tas-SARS-CoV-2 (ċertifikat tal-fejqan).”;

- (2) fl-Artikolu 7, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Kull Stat Membru għandu jorġoġ, wara talba, iċ-ċertifikati tal-fejqan imsemmija fl-Artikolu 3(1)(c) wara riżultat pożittiv ta' test NAAT imwettaq minn professjonisti tas-saħħa jew minn persunal tal-ittestjar imħarreġ.

Stat Membru jista' jorġoġ ukoll, wara talba, iċ-ċertifikati tal-fejqan imsemmija fl-Artikolu 3(1)(c) wara riżultat pożittiv ta' test rapidu tal-antiġeni elenkat fil-lista komuni tal-UE tat-testijiet tal-antiġeni tal-COVID-19 maqbula mill-Kumitat għas-Sigurtà tas-Saħħa mwettaq minn professjonisti tas-saħħa jew minn persunal tal-ittestjar imħarreġ.

L-Istati Membri jistgħu jorġoġu ċertifikati tal-fejqan fuq il-bażi ta' testijiet rapidi tal-antiġeni mwettaq minn professjonisti tas-saħħa jew minn persunal tal-ittestjar imħarreġ fl-1 ta' Ottubru 2021 jew wara, dment li t-test rapidu tal-antiġeni użat kien inkluż fil-lista komuni tal-UE tat-testijiet tal-antiġeni tal-COVID-19 maqbula mill-Kumitat għas-Sigurtà tas-Saħħa fiż-żmien meta ħareġ ir-riżultat tat-test pożittiv.



Ċertifikati tal-fejqa għandhom jinħarġu mhux qabel 11-il jum wara d-data li fiha l-persuna kienet l-ewwel soġġetta għal test NAAT jew test rapidu tal-antiġeni li ta riżultat pożittiv.

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 12 biex temenda l-għadd ta' jiem li wara li jgħaddu għandu jinħarġ ċertifikat tal-fejqa, abbażi ta' gwida riċevuta mill-Kumitat għas-Sigurtà tas-Saħħa f'konformità mal-Artikolu 3(11) jew abbażi ta' evidenza xjentifika rieżaminata mill-ECDC.”;

- (3) l-Anness tar-Regolament (UE) 2021/953 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

#### *Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Frar 2022.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Ursula VON DER LEYEN

---

## ANNEX

Il-Punt 3 tal-Anness għar-Regolament (UE) 2021/953 hu sostitwit b'dan li ġej:

“3. Kampijiet tad-*data* li għandhom jiġu inklużi fiċ-ċertifikat tal-fejqa:

- (a) isem: kunjom(ijiet) u isem/ismijiet, f'dik l-ordni;
  - (b) id-data tat-twelid;
  - (c) il-marda jew l-aġent li minnha/minnu jkun rikoverat id-detentur: COVID-19 (SARS-CoV-2 jew wieħed mill-varjanti tiegħu);
  - (d) id-data tal-ewwel riżultat pożittiv tat-test;
  - (e) Stat Membru jew pajjiż terz li fih sar it-test;
  - (f) emittent taċ-ċertifikat;
  - (g) ċertifikat validu minn;
  - (h) ċertifikat validu sa (mhux aktar minn 180 jum wara d-data tal-ewwel riżultat pożittiv tat-test);
  - (i) identifikatur uniku taċ-ċertifikat.”.
-

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/257

tal-21 ta' Frar 2022

**li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/641 li tikkonċerna ċerti miżuri protettivi marbuta ma' tifqigħat ta' influwenza tat-tjur b'livell patoġeniku għoli f'ċerti Stati Membri**

(notifikata bid-dokument C(2022) 1152)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali")<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-punt (c) tal-Artikolu 259(1) tiegħu,

Billi:

- (1) L-influwenza tat-tjur b'livell patoġeniku għoli (HPAI) hija marda virali infettiva tal-għasafar u tista' tħalli impatt serju fuq il-profittabbiltà tat-trobbija tat-tjur li jikkawża tfixkil għall-kummerċ fl-Unjoni u fl-espportazzjonijiet lejn il-pajjiżi terzi. Il-virus HPAI jistgħu jinfettaw lill-għasafar migratorji u dawn imbagħad jistgħu jixterdu fuq distanzi twal waqt il-migrazzjonijiet tagħhom fil-ħarifa u fir-rebbiegħa. Għaldaqstant, il-preżenza tal-virus HPAI fl-għasafar selvaġġi hija theddida kontinwa għall-introduzzjoni diretta u indiretta ta' dawn il-virus fl-azjendi fejn jinżammu t-tjur jew l-għasafar tat-trobbija. Fil-każ ta' tifqigħa tal-HPAI, hemm riskju li l-aġent tal-marda jinfirx f'azjendi oħra fejn jinżammu t-tjur jew l-għasafar tat-trobbija.
- (2) Ir-Regolament (UE) 2016/429 jistabbilixxi qafas leġiżlattiv għid għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard li hu trażmissibbli lill-annimali jew lill-bnedmin. L-HPAI taqa' fid-definizzjoni ta' marda elenkata f'dak ir-Regolament, u hija soġġetta għar-regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard stabbiliti fih. Barra minn hekk, ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/687<sup>(2)</sup> jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 fir-rigward tar-regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard elenkat, inklużi miżuri ta' kontroll tal-mard għall-HPAI.
- (3) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/641<sup>(3)</sup> ġiet adottata fil-qafas tar-Regolament (UE) 2016/429, u tistabbilixxi miżuri għall-kontroll tal-mard marbuta ma' tifqigħat tal-HPAI.
- (4) B'mod aktar partikolari, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/641 tippredvi li ż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza stabbiliti mill-Istati Membri wara t-tifqigħat tal-HPAI, f'konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2020/687, iridu jinkludu mill-anqas iż-żoni elenkati bħala żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza fl-Anness ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni.

<sup>(1)</sup> ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/687 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard elenkat (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 64).

<sup>(3)</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/641 tas-16 ta' April 2021 li tikkonċerna ċerti miżuri protettivi marbuta ma' tifqigħat ta' influwenza tat-tjur b'livell patoġeniku għoli f'ċerti Stati Membri (ĠU L 134, 20.4.2021, p. 166).

- (5) L-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/641 ġie emendat dan l-aħħar bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/198 (\*), wara t-tifqigħat tal-HPAI fit-tjur jew fl-għasafar tat-trobbija fil-Bulgarija, fil-Ġermanja, fi Spanja, fi Franza, fl-Ungerija, fin-Netherlands, fil-Polonja u fil-Portugall li kienu jeħtieġu li jiġu riflessi f'dak l-Anness.
- (6) Mid-data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/198, iċ-Ċekja, id-Danimarka, il-Ġermanja, Spanja, Franza, l-Italja, in-Netherlands, il-Polonja u l-Portugall innotifikaw lill-Kummissjoni dwar tifqigħat ulterjuri tal-HPAI tas-sottotip H5N1 fi stabbilimenti fejn kienu jinżammu t-tjur jew l-għasafar tat-trobbija, li jinsabu fiż-żoni elenkati fl-Anness ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni jew barra minnhom.
- (7) Barra minn hekk, ir-Rumanija nnotifikat lill-Kummissjoni dwar tifqigħa tal-HPAI tas-sottotip H5N1 fi stabbiliment fejn kienu jinżammu t-tjur jew l-għasafar tat-trobbija fil-Kontea ta' Ialomița ta' dak l-Istat Membru.
- (8) Barra dan, ir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq innotifika lill-Kummissjoni dwar tifqigħa tal-HPAI tas-sottotip H5N1 fi stabbiliment fejn kienu jinżammu t-tjur jew l-għasafar tat-trobbija. F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ("Ftehim dwar il-Ħruġ"), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, ir-Regolament (UE) 2016/429, kif ukoll l-atti tal-Kummissjoni bbażati fuqu, japplikaw għar-Renju Unit u fir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni previst fil-Ftehim dwar il-Ħruġ. Konsegwentement, il-miżuri protettivi stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/641 japplikaw fir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.
- (9) L-awtoritajiet kompetenti taċ-Ċekja, tad-Danimarka, tal-Ġermanja, ta' Spanja, ta' Franza, tal-Italja, tan-Netherlands, tal-Polonja, tal-Portugall, tar-Rumanija u tar-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq ħadu l-miżuri neċessarji għall-kontroll tal-mard meħtieġa f'konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2020/687, inkluż l-istabbiliment ta' żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza madwar dawk it-tifqigħat.
- (10) Il-Kummissjoni eżaminat il-miżuri ta' kontroll tal-mard li ttieħdu miċ-Ċekja, mid-Danimarka, mill-Ġermanja, minn Spanja, minn Franza, mill-Italja, min-Netherlands, mill-Polonja, mill-Portugall, mir-Rumanija u mir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq f'kollaborazzjoni ma' dawk l-Istati Membri u mar-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq u hija sodisfatta li l-konfini taż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza stabbiliti fiċ-Ċekja, fid-Danimarka, fil-Ġermanja, fi Spanja, fi Franza, fl-Italja, fin-Netherlands, fil-Polonja, fil-Portugall, fir-Rumanija u fir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq stabbiliti mill-awtoritajiet kompetenti ta' dawk l-Istati Membri u tar-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, jinsabu 'l bogħod biżżejjed mill-istabbilimenti fejn ġew ikkonfermati t-tifqigħat riċenti tal-HPAI.
- (11) Fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/641, bħalissa ma hemm l-ebda żona elenkata bħala żona ta' protezzjoni għar-Rumanija u l-ebda żona elenkata bħala żona ta' protezzjoni u ta' sorveljanza għar-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.
- (12) Sabiex jiġi evitat kwalunkwe tfixkil bla bżonn għall-kummerċ fl-Unjoni u biex tiġi evitata l-impożizzjoni ta' ostakli mhux ġustifikati għall-kummerċ minn pajjiżi terzi, jeħtieġ li fil-livell tal-Unjoni, f'kollaborazzjoni maċ-Ċekja, mad-Danimarka, mal-Ġermanja, ma' Spanja, ma' Franza, mal-Italja, man-Netherlands, mal-Polonja, mal-Portugall, mar-Rumanija u mar-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, jiġu deskritti malajr iż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza stabbiliti minn dawk l-Istati Membri u mir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, f'konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2020/687.
- (13) Għalhekk, jenħtieġ li jiġu emendati ż-żoni elenkati għaċ-Ċekja, għad-Danimarka, għall-Ġermanja, għal Spanja, għal Franza, għall-Italja, għan-Netherlands, għall-Polonja, għall-Portugall u għar-Rumanija fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/641.
- (14) Barra minn hekk, jenħtieġ li tiġi elenkata żona ta' protezzjoni għar-Rumanija u żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza għar-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/641.

(\*) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/198 tad-9 ta' Frar 2022 li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/641 li tikkonċerna miżuri ta' emerġenza marbuta ma' tifqigħat ta' influwenza tat-tjur b'livell patoġeniku għoli f'ċerti Stati Membri (ĠU L 31, 14.2.2022, p. 56).

- (15) Għaldaqstant, jenħtieġ li jiġi emendat l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/641 biex tiġi aġġornata r-reġjonalizzazzjoni fil-livell tal-Unjoni biex jitqiesu ż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza stabbiliti miċ-Ċekja, mid-Danimarka, mill-Ġermanja, minn Spanja, minn Franza, mill-Italja, min-Netherlands, mill-Polonja, mill-Portugall, mir-Rumanija u mir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, f'konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2020/687, u d-durata tal-miżuri applikabbli fihom.
- (16) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/641 tiġi emendata skont dan.
- (17) Minħabba l-urġenza tas-sitwazzjoni epidemjoloġika fl-Unjoni rigward it-tixrid tal-HPAI, huwa importanti li l-emendi li jridu isiru fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/641 permezz ta' din id-Deċiżjoni, jidħlu fis-seħħ kemm jista' jkun malajr.
- (18) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/641 huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Frar 2022.

*Għall-Kummissjoni*  
Stella KYRIAKIDES  
*Membri tal-Kummissjoni*

ANNEX

"ANNEX

PART A

Iż-żoni ta' protezzjoni fl-Istati Membri kkonċernati\* kif imsemmija fl-Artikoli 1 u 2:

**Stat Membru: Il-Bulgarija**

Żona li tinkludi:	Id-data sa meta applikabbli f'konformità mal-Artikolu 39 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687
<i>Region: Haskovo</i>	
Dimitrovgrad municipality: Brod, Chernogorovo	23.2.2022
<i>Region: Dobrich</i>	
Dobrichka municipality: Feldfebel Denkovo, Dryanovets	18.2.2022

**Stat Membru: Iċ-Ċekja**

Żona li tinkludi:	Id-data sa meta applikabbli f'konformità mal-Artikolu 39 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687
<i>Central Bohemian Region</i>	
Doubek (631035), Doubravčice (631205), Hradešín (736287), Kozojedy u Kostelce nad Černými Lesy (671886), Masojedy (631213), Mrzky (767166), Přišimasy (736295), Škvorec (762733), Štíhllice (631221).	3.3.2022
<i>Plzeň Region</i>	
Dolní Lukavice (629685); Krasavce (629707); Lišice u Dolní Lukavice (629715); Snopoušovy (629723); Horní Lukavice (629693); Předenice (704091); Robčice u Štěnovic (775657).	27.2.2022

**Stat Membru: Id-Danimarka**

Żona li tinkludi:	Id-data sa meta applikabbli f'konformità mal-Artikolu 39 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687
The parts of Holbæk, Sorø and Ringsted municipalities that are contained within a circle of radius 3 kilometres, centred on GPS coordinates N 55,5166; E 11,6902	7.3.2022

**Stat Membru: Il-Ġermanja**

Żona li tinkludi:	Id-data sa meta applikabbli f'konformità mal-Artikolu 39 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687
<b>MECKLENBURG-VORPOMMERN</b>	
<b>Landkreis Rostock</b> — Gemeinde Satow mit den Ortsteilen und Orten: Gorow, Klein Bölkow, Heiligenhagen, Anna Luisenhof, Clausdorf, Reinshagen und Hanstorf Gemeinde Stäbelow mit dem Ortsteil Bliesekow	Mill-5.2.2022 sas-26.2.2022

<b>NIEDERSACHSEN</b>	
<p><b>Landkreis Celle</b> Das Gebiet erstreckt sich im Südwesten beginnend ab Schnittpunkt K 51 mit der Kreisgrenze der K 51 folgend in nördlicher Richtung bis Abzweigung "Bahnhofstraße", dieser entlang bis zur K 52. Der K 52 nördlich 50 m folgen und dann rechts -zwischen Hausnummer 5 und 7- abbiegen in einen Feldweg und bis zur Einmündung K 50 folgen. Der K 50 und dann über "Maschweg", K 48, "Neuhaus" bis zur Kreisgrenze folgen. An dieser südlich entlang bis zum Ausgangspunkt.</p>	17.2.2022
<p><b>Landkreis Emsland</b> Im Süden beginnend Ostenwalder Straße westlich Dorfanger – Verbindungsweg Dorfanger-Holzweg – Holzweg – Verbindungsweg Holzweg – Ostenwalder Straße – Gut Horst – Radweg Raddesee Sögel – Marientaler Straße – Spahner Straße – Verbindungsweg – Friesenweg – Spahner Weg – Zum Windberg – Verbindungsweg – Werpelohrer Grenzgraben – Schnüggeweg – Nordkampstraße – Hauptstraße/L 51 – Sögeler Straße – Verbindungsweg – Börger-Spahner Grenzgraben – Bachlauf Ohe nördlich – Haßmoorschloot – Tichelpläcke – Werlter Straße – Loruper Straße – Harrenstätter Straße – Unfriedstraße – Schlosser Straße – Hammerstraße – Bahnhofstraße – Hobelstraße – Bernhard-Krone-Straße – Kasernenstraße – Hauptstraße – Sögeler Straße – Ostenwalder Straße</p>	5.3.2022
<p><b>Landkreis Gifhorn</b> Im Norden von der Kreisgrenze bis zur Moorstr. Rechts auf die Moorstr, die L 283 querend bis zum Bäckerweg. Rechts in den Bäckerweg bis zur Bahnhofstr. Über die Bahnhofstr. Auf die L 283. Von der L 283 rechts auf den Meinerer Weg bis zur B 188. Dann rechts auf die B 188. Dort geradeaus über den Kreisel hinweg. Nach dem Kreisel rechts auf die L 299. Von der L 299 links in Richtung Päse. Durch Päse hindurch in Richtung Höfen. Von Höfen bis zur Kreisgrenze und dann an der Kreisgrenze entlang bis zur B 214.</p>	17.2.2022
<b>NORDRHEIN-WESTFALEN</b>	
<p><b>Oberbergischer Kreis</b> Die Grenze der Schutzzone startet an der Gemeindegrenze Wipperfürth/Hückeswagen auf Höhe des Landeplatzes Wipperfürth –Neye und verläuft von dort in nördlicher Richtung der Gemeindegrenze Wipperfürth/Hückeswagen folgend die Ortschaften Niederröttenscheid und Oberröttenscheid einschließend bis zur K 13 nordöstlich der Ortschaft Niederlangenberg. Von dort aus verläuft die Grenze der Schutzzone weiter der K13 folgend bis zur Abzweigung Richtung der Ortschaft Oberrnien. Die Grenze der Schutzzone verläuft weiter die K 13 verlassend in westlicher Richtung der Straße Richtung Oberrnien folgend. Westlich von Oberrnien verläuft die Grenze der Schutzzone weiter der Straße in nördlicher Richtung folgend Richtung K30 nördlich der Ortschaft Forste. Weiter verläuft die Grenze der Schutzzone auf der K30 in südlicher Richtung die Ortschaft Forste ausschließend bis zur Ortschaft Kreuzberg der K30 weiterfolgend bis zu der Ortschaft Wasserfuhr. Von Wasserfuhr aus verläuft die Grenze der Schutzzone aus weiter der Straße Richtung der Ortschaft Dörpinghausen folgend, durch Dörpinghausen Richtung der Ortschaft Dahl folgend in südwestlicher Richtung bis zur Ortschaft Ibach. Von dort aus verläuft die Grenze der Schutzzone der Straße in östlicher Richtung Richtung der Ortschaft Klaswipper der Gummersbacher Straße folgend, diese verlassend der Straße nach Dohrgaul in südlicher Richtung über Niederklüppelberg folgend. In der Ortschaft Dohrgaul verläuft die Grenze der Schutzzone der K18 westlich Richtung Agathaberg folgend bis zur Abzweigung der Straße Richtung der Ortschaft Hahnenberg. Von Hahnenberg verläuft die Grenze der Schutzzone weiter der Straße Richtung der Ortschaft Kahlscheuer folgend bis zur L 302. Der L302 folgend in südlicher Richtung bis zu der Abzweigung nördlich der Ortschaft Neeskotten. Von dort aus</p>	22.2.2022

| <ul style="list-style-type: none"> <li>— Municipality of Asigliano Veneto (VI)</li> <li>— Municipality of Barbarano Mossano (VI)</li> <li>— Municipality of Brendola (VI) East of A4</li> <li>— Municipality of Brendola (VI) West of A4</li> <li>— Municipality of Camisano Vicentino (VI)</li> <li>— Municipality of Campiglia dei Berici (VI)</li> <li>— Municipality of Castegnero (VI)</li> <li>— Municipality of Gambellara (VI) South of A4</li> <li>— Municipality of Gambellara (VI) North of A4</li> <li>— Municipality of Grisignano di Zocco (VI) South of A4</li> <li>— Municipality of Grisignano di Zocco (VI) North of A4</li> <li>— Municipality of Grumolo delle Abbadesse (VI) South of A4</li> <li>— Municipality of Grumolo delle Abbadesse (VI) North of A4</li> <li>— Municipality of Longare (VI)</li> <li>— Municipality of Lonigo (VI)</li> <li>— Municipality of Montebello Vicentino (VI) East of A4</li> <li>— Municipality of Montebello Vicentino (VI) West of A4</li> <li>— Municipality of Montecchio Maggiore (VI) East of A4</li> <li>— Municipality of Montegalda (VI)</li> <li>— Municipality of Montegaldella (VI)</li> <li>— Municipality of Nanto (VI)</li> <li>— Municipality of Noventa Vicentina (VI)</li> <li>— Municipality of Orgiano (VI)</li> <li>— Municipality of Pojana Maggiore (VI)</li> <li>— Municipality of Sarego (VI)</li> <li>— Municipality of Sossano (VI)</li> <li>— Municipality of Torri di Quartesolo (VI) South of A4</li> <li>— Municipality of Torri di Quartesolo (VI) North of A4</li> <li>— Municipality of Val Liona (VI)</li> <li>— Municipality of Vicenza (VI) South of A4</li> <li>— Municipality of Villaga (VI)</li> <li>— Municipality of Zovencedo (VI)</li> </ul> |  |
|--|--|

\* F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, għall-finijiet ta' dan l-Anness, ir-referenzi għall-Istati Membri jinkludu r-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.”

**DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/258****tal-21 ta' Frar 2022****li tagħti deroga lir-Repubblika Ellenika minn ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2019/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u tad-Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' Kreta***(notifikata bid-dokument C(2022) 1140)***(It-test bil-Grieg biss huwa awtentiku)****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar is-suq intern tal-elettriku <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 64 tiegħu,Wara li kkunsidrat id-Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar regoli komuni għas-suq intern għall-elettriku u li temenda d-Direttiva 2012/27/UE <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 66 tagħha,

Billi:

**1. PROCĊEDURA**

- (1) Fit-3 ta' Ġunju 2021, ir-Repubblika Ellenika ("il-Greċja") ippreżentat lill-Kummissjoni talba għal deroga (l-"Applikazzjoni") għall-gżira ta' Kreta f'konformità mal-Artikolu 64 tar-Regolament (UE) 2019/943 u mal-Artikolu 66 tad-Direttiva (UE) 2019/944. L-Applikazzjoni titlob deroga mill-Artikoli 6, 7(1), 8(1), 8(4), 9, 10, 11 u 13 tar-Regolament (UE) 2019/943, u mill-Artikolu 40(4) sa (7) tad-Direttiva (UE) 2019/944, għal perjodu ta' żmien limitat, jiġifieri sal-31 ta' Diċembru 2023.
- (2) Fl-1 ta' Lulju 2021, il-Kummissjoni ppubblikat l-Applikazzjoni fuq is-sit web <sup>(3)</sup> tagħha u stiednet lill-Istati Membri u lill-partijiet ikkonċernati biex jipprovdu kummenti sat-12 ta' Awwissu 2021.

**2. IL-GŻIRA TA' KRETA**

- (3) Il-gżira Griega ta' Kreta tinsab fil-Baħar Mediterran, fin-Nofsinhar tal-Greċja kontinentali. Sat-3 ta' Lulju 2021 kienet sistema awtonoma tal-enerġija li ma kinitx konnessa mas-sistema nazzjonali tal-elettriku kontinentali.
- (4) Wara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/536/UE <sup>(4)</sup>, li tat lill-Greċja deroga minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(5)</sup>, Kreta tqieset bħala sistema iżolata żgħira skont it-tifsira tal-Artikolu 2(42) tad-Direttiva (UE) 2019/944. L-assi b'vultaġġ għoli fi Kreta huma proprjetà ta' Public Power Cooperation S.A. ("PPC S.A.") u jiġu operati mill-Operatur tas-Sistema tad-Distribuzzjoni ("HEDNO S.A."). Peress li l-gżira ma kinitx interkonnessa mal-Greċja kontinentali, Kreta ma setgħetx tkun parti mis-swieq ta' Ġurnata bil-Quddiem, tal-Istess Ġurnata u tal-Ibbilanċjar Griegi li tnedew f'Novembru 2020.

<sup>(1)</sup> ĠU L 158, 14.6.2019, p. 54.<sup>(2)</sup> ĠU L 158, 14.6.2019, p. 125.<sup>(3)</sup> [https://ec.europa.eu/energy/sites/ener/files/documents/derogation\\_decisions2020v1.pdf](https://ec.europa.eu/energy/sites/ener/files/documents/derogation_decisions2020v1.pdf)<sup>(4)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/536/UE tal-14 ta' Awwissu 2014 li tagħti deroga lir-Repubblika Ellenika minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 248, 22.8.2014, p. 12).<sup>(5)</sup> Id-Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u li temenda d-Direttiva 2003/54/KE (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 55).

- (5) Skont l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/536/UE, id-derogi previsti ma għandhomx jibqgħu japplikaw għal sistemi iżolati żgħar u mikrosistemi iżolati ladarba jkunu interkonnessi mas-sistema interkonnessa. Irrispettivament minn dan, l-awtoritajiet Griegi temmew id-deroga mogħtija minn dik id-Deċiżjoni fir-rigward ta' Kreta mill-1 ta' Jannar 2017 <sup>(6)</sup>.

#### *Is-Sistema tal-elettriku*

- (6) Il-Greċja pprijoritizzat il-konnessjoni tal-grilja ta' Kreta mas-sistema tal-elettriku kontinentali bħala proġett ta' importanza kbira, sabiex tiġi żgurata bi provvista tal-elettriku sikura u affidabbli. B'mod aktar speċifiku, il-konnessjoni tal-grilja ta' Kreta, kif approvata mill-Awtorità Regolatorja Griega ("RAE") permezz tal-Pjanijiet ta' Għaxar Snin għall-Iżvilupp tan-Network, li jindirizzaw il-perjodi mill-2017 sal-2026, mill-2018 sal-2027 u mill-2019 sal-2028 rispettivament, trid tiġi implimentata f'żewġ fażijiet.
- (7) L-ewwel fażi ("Fażi I") tikkonċerna l-konnessjoni tal-grilja tal-parti tal-Punent ta' Kreta (il-Prefettura ta' Chania) mal-peniżola tal-Peloponnese permezz ta' linji HVAC, li jirrappreżentaw Kapaċità Nominali ta' Trasferiment ta' madwar 150 MW. Għaldaqstant, it-tlestija tal-Fażi I hija mistennija tkopri biss parti mill-ħtiġijiet tal-elettriku ta' Kreta (madwar terz tal-konsum tal-elettriku ta' Kreta, li huwa massimu ta' 710 MW u konsum annwali ta' 3TWh), u mhijiex se tintegra lil Kreta bħala parti interkonnessa bis-sħiħ mis-sistema tal-elettriku Griega. L-interkonnettur bejn is-sistema tal-elettriku kontinentali u Kreta huwa mistenni jopera bil-kapaċità massima tiegħu jew qrib tagħha, minħabba li l-kapaċità tiegħu ma tkoprix għalkollox id-domanda ta' Kreta, u l-elettriku se jiġi importat lejn Kreta mis-sistema interkonnessa kontinentali minħabba kostijiet aktar baxxi tal-ġenerazzjoni. Il-proġett beda jopera fil-perjodu ta' prova mit-3 ta' Lulju 2021 <sup>(7)</sup>, u f'perjodu kummerċjali mill-1 ta' Novembru 2021 <sup>(8)</sup>.
- (8) It-tieni fażi ("Fażi II") tirreferi għall-interkonnessjoni tal-parti ċentrali ta' Kreta (il-Prefettura ta' Heraklion) mal-Greċja kontinentali (ir-reġjun ta' Attika) permezz ta' żewġ kejbils HVDC, li jirrappreżentaw Kapaċità ta' Trasferiment Nominali ta' madwar 1000 MW. Fi tmiem tal-Fażi II, il-gżira ta' Kreta hija mistennija li tkun interkonnessa bis-sħiħ mas-sistema kontinentali tat-trażmissjoni tal-elettriku u d-domanda għall-elettriku fuq il-gżira għandha tkun koperta bis-sħiħ. Il-kejbils tal-Fażi II huma mistennija li jkunu operazzjonali mill-2023.
- (9) Il-Greċja tispjega li, sal-bidu tal-operat kummerċjali tal-interkonnettur żviluppat fil-Fażi I, in-network tal-elettriku b'vultaġġ għoli ta' Kreta kellu jiġi trasferit lill-Operatur tas-Sistema ta' Trażmissjoni Grieg ("IPTO S.A."), li se jippossjedi u jopera dawk l-assi minn din id-data. HEDNO S.A. ma tibqax topera n-network ta' vultaġġ għoli ta' Kreta, iżda xorta topera n-networks ta' vultaġġ baxx u medju. Dan it-trasferiment seħħ fl-1 ta' Awwissu 2021, qabel il-bidu tal-operazzjoni kummerċjali tal-Fażi I tal-interkonnettur bejn Kreta u s-sistema kontinentali Griega.

#### *Is-suq tal-elettriku ta' Kreta*

- (10) Bħalissa, il-produtturi u l-fornituri fil-gżira ta' Kreta ma jissottomettu l-ebda offerta fis-suq Grieg u l-unitajiet jintbagħtu skont il-kostijiet varjabbli minimi tagħhom. Il-prezz uniformi bl-ingrossa għall-elettriku fi Kreta huwa kkalkolat kull xahar, abbażi tal-kostijiet varjabbli u totali tal-unitajiet tal-enerġija konvenzjonali, jiġifieri l-unitajiet tal-PPC, peress li l-operatur stabbilit huwa l-uniku ġeneratur tal-enerġija konvenzjonali fuq il-gżira. Barra minn hekk, hemm diversi produtturi ta' enerġiji rinnovabbli b'tariffa fissa skont ftehim ta' xiri tal-enerġija jew tariffa fissa skont id-data tal-bidu tal-operat ta' kull unità.
- (11) Mit-tlestija tal-Fażi I sat-tlestija tal-Fażi II u l-interkonnessjoni sħiħa ta' Kreta mas-sistema tal-elettriku kontinentali Griega ("perjodu tranżizzjonali"), il-konnessjoni tal-grilja bejn Kreta u s-sistema tal-elettriku kontinentali se tkun strutturalment konġestjonata. Mingħajr deroga, iż-żewġ għażliet li ġejjin huma possibbli:

<sup>(6)</sup> L-Artikolu 137 A tal-Liġi 4001/2011 (Gazzetta tal-Gvern A 179/22.8.2011).

<sup>(7)</sup> Ara l-Artikolu 108B tal-Liġi 4001/2011 (Il-Gazzetta tal-Gvern A 179/22.8.2011) kif miżjud mill-Artikolu 106 tal-Liġi 4821/2021 (Il-Gazzetta tal-Gvern A 134/31.7.2021).

<sup>(8)</sup> Skont l-Artikolu 108C tal-Liġi 4001/2011 kif miżjud mill-Artikolu 107 tal-Liġi 4821/2021, l-Operatur tas-Sistema ta' Trażmissjoni Grieg IPTO S.A. kien obligat jopera bis-sħiħ l-interkonnessjoni ta' Kreta (Fażi I) sa mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru 2021. Madankollu, din id-data ġiet posposta għall-1 ta' Novembru 2021 bid-Deċiżjoni RAE Nru 734/28.9.2021 (Gazzetta tal-Gvern B 4633/6.10.2021).

- (a) l-integrazzjoni ta' Kreta fiż-żona tal-offerti Griega fis-suq tal-elettriku bl-ingrossa li tkun tinvolvi kostijiet għoljin ta' dispaċċ mill-ġdid, stmati madwar EUR 240 miljun fis-sena mill-IPTO S.A abbażi tad-*data* tal-2019;
- (b) l-integrazzjoni ta' Kreta fis-suq tal-elettriku bl-ingrossa bħala żona tal-offerti separata. Din tidher bħala soluzzjoni mhux sostenibbli għal perjodu qasir, peress li t-tlestija tal-Faзи II, li hija mistennija li ddum sentejn, jenħtieġ li taffi kwalunkwe konġestjoni strutturali bejn in-network kontinentali tal-elettriku ta' Kreta u dak Grieg.
- (12) Barra minn hekk, Kreta ma għandhiex infrastruttura tal-kejl adegwata li tippermetti integrazzjoni xierqa fis-suq Grieg tal-bejgħ bl-ingrossa tal-elettriku qabel l-2023.
- (13) Bħalissa, is-suq tal-bejgħ bl-immut fi Kreta huwa miftuħ għall-fornituri kollha attivi fis-suq Grieg, li għoxrin minnhom huma attivi fi Kreta. Minħabba l-fatt li l-kostijiet ta' ġenerazzjoni fil-gżira ta' Kreta huma ogħla mill-kostijiet tas-sistema tal-elettriku interkonnessa Griega, il-Greċja, għal raġunijiet ta' koeżjoni soċjali, għażlet l-applikazzjoni mill-fornituri ta' tariffa waħda għal kull kategorija ta' klijenti, fit-territorju kollu tagħha.

### 3. ID-DEROGI MITLUBA

- (14) Id-derogi mitluba mill-Artikoli 6, 7(1), 8(1), 8(4), 9, 10, 11 u 13 tar-Regolament (UE) 2019/943 u mill-Artikolu 40(4) sa (7) tad-Direttiva (UE) 2019/944 għandhom l-għan li jsibu soluzzjoni għall-operat tas-swieq tal-elettriku ta' ġurnata bil-quddiem, tal-istess ġurnata u tal-ibbilanċjar fi Kreta. Soluzzjoni bħala din tkun tapplika matul il-perjodu tranżizzjonali tal-interkonnessjoni ta' Kreta mas-sistema tal-elettriku kontinentali Griega. Għalhekk, id-derogi se jintemmu mat-tlestija tal-Faзи II <sup>(\*)</sup>.
- (15) L-applikant jipproponi "mudell ibridu" għall-perjodu tranżizzjonali, li taħtu l-interkonnettur bejn Kreta u s-sistema tal-elettriku kontinentali Griega jiġi ttrattat bħala parti inkarigata mill-ibbilanċjar skont it-tifsira tal-Artikolu 2(14) tar-Regolament (UE) 2019/943. Tali parti se taġixxi l-biċċa l-kbira taż-żmien bħala unita ta' ġenerazzjoni tal-elettriku virtwali mill-perspettiva ta' Kreta u tagħbija virtwali mill-perspettiva kontinentali, li timporta l-elettriku mill-Greċja kontinentali lejn Kreta. Dak il-fluss jista' jitreġġa' lura f'każ ta' ġenerazzjoni għolja minn sorsi rinnovabbli fi Kreta, li taqbeż it-tagħbija tiegħu, sabiex jiġi evitat kwalunkwe tnaqqis fl-enerġija rinnovabbli. Il-parti inkarigata mill-ibbilanċjar għall-interkonnessjoni ta' Kreta se tikkonnettja fiżikament mas-sistema kontinentali Griega fuq in-naħa ta' vultaġġ għoli tas-substazzjon ta' Chania. L-elettriku rtirat jew injettat tagħha fis-sistema kontinentali Griega se jiġi rreġistrat mill-infrastruttura tal-kejl tas-substazzjon HV Chania.
- (16) Il-modalitajiet possibbli għall-parteċipazzjoni tal-Entità Inkarijata mill-Ibbilanċjar virtwali fis-suq imħaddma fuq is-sistema tal-elettriku kontinentali Griega ġew evalwati mill-RAE wara konsultazzjoni pubblika li saret mill-25 ta' Mejju 2021 sad-9 ta' Ġunju 2021.
- (17) Fil-"mudell ibridu" propost, l-iskambju tal-enerġija elettrika Grieg HEnEX jissottometti offerti tal-elettriku b'teħid ta' prezzijiet f'isem il-partijiet tas-suq ta' Kreta fis-suq tal-elettriku bl-ingrossa ta' ġurnata bil-quddiem u tal-istess ġurnata Grieg, skont il-previżjonijiet *ex ante* kkalkolati mill-IPTO S.A. u mill-HEDNO S.A. Il-Greċja tipproponi żewġ għażlet li ġew sottomessi għal konsultazzjoni pubblika mill-RAE mill-25 ta' Mejju 2021 sad-9 ta' Ġunju 2021. Dawk iż-żewġ għażlet jistabbilixxu fid-dettall kif l-offerti jistgħu jitwettqu fil-prattika, b'separazzjoni jew mingħajr separazzjoni bejn it-tagħbija u l-ġenerazzjoni. Iż-żewġ għażlet huma dawn li ġejjin:
- (a) Għażla 1: ordnijiet ta' xiri jew bejgħ b'teħid ta' prezzijiet prijoritarji li jikkorrispondu espliċitament għall-kwantitajiet tal-elettriku għall-parti inkarigata mill-ibbilanċjar għall-interkonnessjoni ta' Kreta se jiġu sottomessi minn HEnEX f'isem rappreżentanti tat-tagħbija li jfornu l-elettriku lill-konsumaturi finali fi Kreta, f'konformità mal-proporzjon perċentwali tal-provvista tagħhom ikkalkulat *ex ante* fuq bażi ta' kull xahar minn HEDNO SA, fir-rigward ta' importazzjonijiet previsti fi Kreta mill-Greċja kontinentali, jew mill-Operatur ta' Sorsi ta' Enerġija Rinnovabbli u Garanziji ta' Oriġini ("DAPEEP") għal elettriku rinnovabbli, fil-każ rari ta' esportazzjonijiet previsti minn Kreta lejn il-Greċja kontinentali;

<sup>(\*)</sup> Il-Greċja ma talbitx deroga mill-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) 2019/943 (ċertifikazzjoni tal-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni) jew mid-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu VI tad-Direttiva (UE) 2019/944 (separazzjoni tal-Operaturi tas-Sistemi tat-Trażmissjoni). Fil-fatt, il-Greċja tiddikjara li l-assi b'vultaġġ għoli fuq il-gżira ta' Kreta, li illum huma proprjetà ta' PPC u operati minn HEDNO S.A., se jiġu trasferiti lill-operatur tas-sistema tat-Trażmissjoni IPTO S.A., li mbagħad jeżerċita s-sjeda u l-operat fuq dawk l-assi. Dan it-trasferiment seħħ fl-1 ta' Awwissu 2021, qabel il-bidu tal-operazzjoni kummerċjali tal-Faзи I tal-interkonnettur bejn Kreta u s-sistema kontinentali Griega.



(b) Għażla 2: ordnijiet ta' xiri jew bejgħ b'teħid ta' prezzijiet prijoritarji għat-tagħbija lokali kollha u l-ġenerazzjoni ta' Kreta se jiġu sottomessi minn HEnEx f'isem ir-rappreżentanti tat-tagħbija f'konformità mal-proporzjon tal-perċentwali tal-provvista tagħhom ikkalkulat *ex ante* fuq bażi ta' kull xahar minn HEDNO S.A. u f'isem il-produtturi termali li jirriflettu l-iskedi tal-enerġija ddeterminati minn IPTO S.A. fuq il-bażi tar-riżultati ta' skeda ta' dispaċċ simplifikata, u minn DAPEEP għall-elettriku rinnovabbli previst.

Is-saldu finanzjarju tal-iżbilanċi jiġi impost *ex post* lill-partijiet fis-suq ta' Kreta, abbażi tat-tqabbil bejn l-iskeda tal-interkonnettur u l-fluss imkejje, u ċavetta tal-kondiviżjoni kkalkolata minn HEDNO S.A.

(18) Matul il-konsultazzjoni pubblika mwettqa mill-RAE, ġew sottomessi 11-il kontribut<sup>(10)</sup>. Abbażi tar-riżultati u tat-talba tal-maġġoranza ta' dawk li wiegħbu biex jiġi mminimizzat l-impatt finanzjarju tal-għażla li trid tiġi implimentata, fir-rigward tal-garanziji u l-kollaterali finanzjarji meħtieġa, f'Ġunju 2021 l-RAE għażlet l-implimentazzjoni tal-Għażla 2.

(19) Sabiex timplimenta l-mudell ibridu tal-Għażla 2 għall-operat tas-suq bl-ingrossa tal-elettriku u l-ibbilanċjar tal-elettriku ta' Kreta, applikabbli għall-perjodu tranżizzjonali, il-Greċja titlob deroga minn ċerti rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE) 2019/943 u d-Direttiva (UE) 2019/944, fir-rigward tas-sistema ta' Kreta.

### 3.1. Deroga skont l-Artikolu 64 tar-Regolament (UE) 2019/943

(20) Il-Greċja tqis li l-mudell ibridu propost jikkonforma mal-prinċipji li jirregolaw l-operat tas-swieq tal-elettriku, kif previst fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2019/943. Għal dik ir-raġuni, id-derogi mitluba ma jinkludux l-Artikolu 3 ta' dak ir-Regolament.

#### 3.1.1. L-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2019/943

(21) L-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2019/943 jistabbilixxi r-regoli għas-suq tal-ibbilanċjar. Il-Greċja titlob deroga minn dak l-Artikolu fir-rigward ta' Kreta bil-ħsieb li ma jiġi operat l-ebda suq ta' bbilanċjar fil-mudell ibridu.

#### 3.1.2. L-Artikolu 7(1) tar-Regolament (UE) 2019/943

(22) L-Artikolu 7(1) tar-Regolament (UE) 2019/943 jirreferi għall-organizzazzjoni tal-ġestjoni tas-swieq integrati ta' ġurnata bil-quddiem u tal-istess ġurnata mill-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni (TSOs) u mill-operatur nominat tas-suq tal-elettriku (NEMOs), f'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1222<sup>(11)</sup>. Il-Greċja titlob deroga minn dak l-Artikolu fir-rigward ta' Kreta, peress li fil-mudell ibridu ma huwa se jitħaddem l-ebda suq tal-istess ġurnata u tal-ġurnata bil-quddiem.

#### 3.1.3. L-Artikolu 8(1) u (4) tar-Regolament (UE) 2019/943

(23) L-Artikolu 8(1) tar-Regolament (UE) 2019/943 jistabbilixxi l-obbligu għan-NEMOs li jħallu lill-parteċipanti fis-suq jikkummerċjalizzaw l-enerġija sal-ħin tal-għeluq tan-negozju tal-kapaċità transzjonali tal-istess ġurnata. L-Artikolu 8(4) ta' dak ir-Regolament jistabbilixxi l-obbligu li jiġi stabbilit il-perjodu tal-issetiljar tal-iżbilanċ għal 15-il minuta fiż-żoni kollha ta' skedar. Il-Greċja titlob deroga minn dawk l-Artikoli fir-rigward ta' Kreta minħabba li l-mudell ibridu ma jinkludix kummerċ ta' ġurnata bil-quddiem u tal-istess ġurnata, u lanqas ma jinkludi perjodu tal-issetiljar tal-iżbilanċ ta' 15-il minuta għal Kreta.

#### 3.1.4. L-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2019/943

(24) L-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2019/943 jirreferi għal swieq forward. Il-Greċja titlob deroga minn dak l-Artikolu fir-rigward ta' Kreta minħabba li l-ebda suq forward mhu se jitħaddem fil-mudell ibridu.

<sup>(10)</sup> Tweġibiet mhux kunfidenzjali huma disponibbli fuq is-sit web tal-RAE

<sup>(11)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1222 tal-24 ta' Lulju 2015 li jistabbilixxi linji gwida dwar l-allokazzjoni tal-kapaċità u l-ġestjoni tal-konġestjoni (ĠU L 197, 25.7.2015, p. 24).

### 3.1.5. L-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2019/943

- (25) L-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2019/943 jirreferi għal-limiti tekniċi tal-offerti. Il-Greċja titlob deroga minn dak l-Artikolu minħabba li Kreta mhux se tkun integrata bis-sħiġ fis-suq Grieg tal-bejgħ bl-ingrossa tal-elettriku fil-mudell ibridu, u l-ordnijiet b'teħid tal-prezzijiet jistgħu jiġu sottomessi għal Kreta.

### 3.1.6. L-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2019/943

- (26) L-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2019/943 jirreferi għad-determinazzjoni tal-valur tat-tagħbija mitlufa. Minħabba li Kreta ma titqiesx bħala żona tal-offerti separata, u lanqas integrata kompletament fiż-żona tal-offerti Griega, il-Greċja titlob deroga minn dak l-Artikolu fir-rigward ta' Kreta.

### 3.1.7. L-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2019/943

- (27) L-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2019/943 jirreferi għad-dispaċċ mill-ġdid. Minħabba li n-nuqqas ta' tħaddim ta' suq tal-ibbilanċjar fi Kreta jinvolvi n-nuqqas ta' applikazzjoni tar-regoli ta' dispaċċ mill-ġdid, il-Greċja titlob deroga minn dak l-Artikolu fir-rigward ta' Kreta.

## 3.2. Deroga skont l-Artikolu 66 tad-Direttiva (UE) 2019/944

### 3.2.1. L-Artikolu 5 tad-Direttiva (UE) 2019/944

- (28) Fl-Applikazzjoni tagħha, il-Greċja talbet deroga mill-prinċipju fundamentali tal-prezzijiet tal-provvista tal-elettriku bbażati fuq is-suq f'konformità mal-Artikolu 5(3) tad-Direttiva (UE) 2019/944. Dik it-talba ġiet irtirata fil-15 ta' Lulju 2021. Għalhekk, f'din id-deċiżjoni ma hija meħtieġa l-ebda analiżi ulterjuri.

### 3.2.2. L-Artikolu 40(4), (5), (6) u (7) tad-Direttiva (UE) 2019/944

- (29) L-Artikolu 40 tad-Direttiva (UE) 2019/944 jistabbilixxi l-kompiti tat-TSOs. Il-paragrafi 4 sa 7 jistabbilixxu l-prinċipji għall-akkwist ta' servizzi anċillari, inklużi servizzi anċillari mhux tal-frekwenza. Minħabba n-nuqqas ta' tħaddim ta' suq tal-ibbilanċjar u akkwist ibbażat fuq is-suq ta' servizzi anċillari mhux tal-frekwenza fi Kreta, il-Greċja titlob deroga mill-Artikolu 40, il-paragrafi (4) sa (7) għall-kompiti tat-TSO applikabbli għal Kreta.

## 3.3. Id-durata tad-deroga mitluba

- (30) Il-Greċja titlob id-deroga għad-durata tal-perjodu tranżizzjonali, li jibda bl-ikkummissjonar tal-Fażi I mistenni fit-tieni trimestru tal-2021, sal-ikkummissjonar tal-Fażi II mistenni sa tmiem l-2023.

## 4. KUMMENTI LI WASLU TUL IL-PERJODU TA' KONSULTAZZJONI

- (31) Matul il-konsultazzjoni, il-Kummissjoni rċeviet kontribut mill-awtoritajiet Bulgari, li kkomunikaw li ma jqajmu l-ebda oġġezzjoni kontra l-applikazzjoni għal deroga magħmula mill-Greċja.

## 5. IL-VALUTAZZJONI

- (32) F'konformità mal-Artikolu 64 tar-Regolament (UE) 2019/943, deroga mid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Artikoli 3 u 6, l-Artikolu 7(1), l-Artikolu 8(1) u (4), l-Artikoli 9, 10 u 11, l-Artikoli 14 sa 17, l-Artikoli 19 sa 27, l-Artikoli 35 sa 47 u l-Artikolu 51 ta' dak ir-Regolament tista' tingħata jekk l-Istat Membru jista' juri li hemm problemi sostanzjali għat-tħaddim ta' sistemi konnessi żgħar.

- (33) F'konformità mal-Artikolu 66 tad-Direttiva (UE) 2019/944, deroga mid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Artikoli 7 u 8 u tal-Kapitoli IV, V u VI ta' dik id-Direttiva jistgħu jingħataw jekk l-Istat Membru jkun jista' juri li hemm problemi sostanzjali għat-tħaddim ta' sistemi iżolati żgħar jew ta' sistemi konnessi żgħar. Sistemi iżolati żgħar jistgħu japplikaw ukoll għal deroga mill-Artikoli 4, 5 u 6 ta' dik id-Direttiva.

- (34) Minbarra fil-każ tar-reġjuni ultraperiferiċi, id-deroga trid tkun limitata fiż-żmien u trid tkun soġġetta għal kundizzjonijiet li għandhom l-għan li jżidu l-kompetizzjoni u l-integrazzjoni mas-suq intern tal-elettriku.
- (35) Fl-aħħar nett, id-deroga għandha timmira li tiżgura li ma xxejjklix it-tranżizzjoni lejn l-enerġija rinnovabbli, iż-żieda fil-flessibilità, il-ħżin tal-enerġija, l-elettromobbiltà u r-rispons tad-domanda.

### 5.1. Sistema żgħira konnessa

- (36) Ir-Regolament (UE) 2019/943 ma jipprevedix derogi awtomatiċi ġeneralizzati għal sistemi żgħar konnessi jew għal sistemi żgħar iżolati. Għalhekk, minkejja l-varjetà kbira fid-daqs u l-karatteristiċi tekniċi tas-sistemi tal-elettriku fl-Unjoni, dawn is-sistemi kollha jistgħu u jenħtieġ li jitħaddmu f'konformità mal-qafas regolatorju sħiħ.
- (37) Madankollu, l-Artikolu 64(1) tar-Regolament (UE) 2019/943 jipprevedi deroga mill-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament fejn l-Istati Membri juru, fost l-oħrajn, li l-applikazzjoni ta' dawk id-dispożizzjonijiet għal sistemi konnessi żgħar tista' twassal għal problemi sostanzjali għat-tħaddim tagħhom, b'mod partikolari minħabba l-kundizzjonijiet ġeografiċi jew il-profilu tad-domanda rilevanti għas-sistemi inkwistjoni.
- (38) L-Artikolu 2(43) tad-Direttiva (UE) 2019/944 jiddefinixxi "sistema konnessa żgħira" bħala "kwalunkwe sistema li kellha konsum ta' anqas minn 3 000 GWh fis-sena 1996, fejn aktar minn 5 % tal-konsum annwali jinkiseb permezz ta' interkonnessjoni ma' sistemi oħra".
- (39) Il-gżira ta' Kreta tikkostitwixxi sistema konnessa żgħira, minħabba li l-konsum tagħha kien taħt il-limitu ta' 3 000 GWh fl-1996. Bit-tlestija tal-Fażi I, madwar terz tal-konsum annwali ta' Kreta se jkun kopert mill-interkonnessjoni mas-sistema tal-elettriku kontinentali Griega.
- (40) Għalhekk, bit-tlestija tal-Fażi I, Kreta tikkwalifika bħala sistema konnessa żgħira skont it-tifsira tal-Artikolu 64(1)(a) tar-Regolament (UE) 2019/943.

### 5.2. Problema sostanzjali għat-tħaddim tas-sistema

- (41) It-terminu "problemi sostanzjali" msemmi fl-Artikolu 64(1)(a) tar-Regolament (UE) 2019/943 la ġie definit mil-ġeżlatur u lanqas mill-Kummissjoni fil-prattika tagħha tat-teħid tad-deċizzjonijiet. Il-formulazzjoni miftuħa tippermetti lill-Kummissjoni tqis il-problemi potenzjali kollha relatati mas-sitwazzjoni partikolari ta' sistemi żgħar, sakemm dawn ikunu sostanzjali u mhux marġinali biss. Dawn il-problemi jistgħu jvarjaw b'mod sinifikanti skont il-partikolaritajiet ġeografiċi, il-produzzjoni u l-konsum tas-sistema inkwistjoni, iżda wkoll abbażi tal-iżviluppi tekniċi, bħall-ħżin tal-elettriku u l-ġenerazzjoni żgħira. Barra minn hekk, dawk il-problemi sostanzjali jeħtieġ li jkunu relatati mat-tħaddim tas-sistemi iżolati żgħar u tas-sistemi konnessi żgħar.
- (42) Il-Greċja tenfasizza l-problemi li ġejjin għat-tħaddim tas-suq tal-elettriku fi Kreta, f'każ ta' integrazzjoni sħiħa tal-parteċipanti fis-suq ta' Kreta fis-swieq tal-elettriku Griegi li joperaw fis-sistema interkonnessa kontinentali, permezz tal-estensjoni taż-żona tal-offerti Griega għal Kreta jew permezz tal-ħolqien ta' żona tal-offerti ġdida ta' Kreta:
- (a) in-nuqqasijiet fl-infrastruttura tal-kejl mhux se jippermettu l-parteċipazzjoni sħiħa tal-parteċipanti fis-suq ta' Kreta fis-swieq tal-elettriku ta' ġurnata bil-quddiem, tal-istess ġurnata u tal-ibbilanċjar tal-Greċja. B'mod partikolari, is-sistemi tal-kejl meħtieġa ma humiex fis-seħħ u mhux se jkunu lesti qabel l-2023;
- (b) l-interkonnettur il-ġdid (Fażi I) jeħtieġ li jkun lest biex jintuża mill-jum tal-ikkummissjonar tiegħu sabiex jiġi evitat kwalunkwe kost żejjed għall-konsumaturi Griegi. Tabilħaqq, l-iskambji tal-elettriku fuq dak l-interkonnettur se jnaqqsu l-ġenerazzjoni mill-aktar unitajiet termali għaljin fi Kreta, u b'hekk inaqqsu l-kost totali tal-elettriku fornit fi Kreta u l-imposta tal-OSP korrispondenti appoġġata mill-konsumaturi Griegi. Dan inaqqas ukoll l-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub>;

- (c) l-interkonnettur li jirriżulta mit-tlestija tal-Fażi I se jintuża sal-kapaċità massima disponibbli tiegħu, u huwa mistenni li jkun konġestjonat fil-biċċa l-kbira taż-żmien, sat-tlestija tal-Fażi II. L-applikazzjoni sħiħa tar-Regolament (UE) 2019/943 u tad-Direttiva (UE) 2019/944 twassal għall-integrazzjoni ta' Kreta fis-swieq tal-elettriku, permezz ta' żona tal-offerti waħda jew tnejn, li twassal għaż-żewġ xenarji li ġejjin:
- żona ta' offerti waħda: l-integrazzjoni ta' Kreta fis-suq tal-elettriku bl-ingrossa permezz taż-żona tal-offerti kontinentali Griega tkun tinvolvi kostijiet għoljin ta' dispaċċ mill-ġdid, stmati minn IPTO S.A. li jkunu madwar EUR 240 miljun fis-sena fuq stima bbażata fuq *data* tal-2019 u li għandhom jiġu appoġġati mill-konsumaturi Griegi.
  - żewġ żoni ta' offerti: l-integrazzjoni ta' Kreta fis-suq tal-elettriku bl-ingrossa bħala żona tal-offerti separata ma tkunx soluzzjoni sostenibbli. It-tlestija tal-Fażi II wara perjodu qasir ta' tranżizzjoni hija mistennija taffi kwalunkwe konġestjoni strutturali bejn in-network tal-elettriku ta' Kreta u n-network tal-elettriku kontinentali Grieg.
- (43) Fid-dawl ta' dak li ntqal fil-Premessi (41) u (42), il-Greċja tinnotta li trid tinstab soluzzjoni applikabbli għall-perjodu tranżizzjonali. Peress li l-Fażi I bdiet fil-perjodu ta' prova mit-3 ta' Lulju 2021 u fil-perjodu kummerċjali mill-1 ta' Novembru 2021, dik is-soluzzjoni jeħtieġ li tiġi implimentata mingħajr xkiel u f'perjodu ta' żmien qasir, mingħajr bidliet importanti fil-qafas ġuridiku u regolatorju attwali, minħabba l-ħtieġa li l-parteċipanti fis-suq jadattaw u n-natura temporanja tas-soluzzjoni. F'dak ir-rigward, l-approċċ taż-“żewġ żoni tal-offerti” jidher inkompatibbli mar-restrizzjonijiet ta' żmien, speċjalment meta jitqies il-proċess li jeħtieġ li jiġi segwit biex tiġi stabbilita żona tal-offerti ġdida, f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2019/943 u mal-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) 2015/1222.
- (44) Abbażi ta' valutazzjoni mwettqa minn IPTO S.A. u l-evalwazzjoni tal-kostijiet għall-operat tas-suq fi Kreta taħt it-tliet xenarji, jiġifieri l-mudell ibridu ssuġġerit mill-Applikazzjoni, l-approċċ ta' żona tal-offerti waħda u l-approċċ ta' żewġ żoni tal-offerti, il-benefiċċji annwali li jirriżultaw tal-mudell ibridu huma stmati li jammontaw għal EUR 156 miljun. Fir-rigward taż-żewġ xenarji l-oħra, jiġifieri l-approċċ taż-żona tal-offerti waħda u l-approċċ taż-żewġ żoni tal-offerti, il-benefiċċju annwali huwa stmat li jammonta għal EUR 121 miljun, u EUR 113-il miljun rispettivament. Għalhekk, il-Greċja tqis li l-mudell ibridu propost ikun l-aħjar approċċ matul il-perjodu tranżizzjonali.
- (45) L-awtoritajiet Griegi indikaw li l-parteċipazzjoni attwali tal-parteċipanti fis-suq ta' Kreta fis-suq Grieg tal-elettriku hija mxekkla min-nuqqas ta' infrastruttura xierqa tal-kejl fuq il-gżira (ara l-Premessa 42 hawn fuq).
- (46) Barra minn hekk, filwaqt li l-użu tal-interkonnettur il-ġdid (Fażi I) iġib miegħu vantaġġi konsiderevoli, billi jnaqqas il-kost tal-elettriku fornut fil-gżira u l-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub>, l-interkonnettur huwa mistenni li jkun konġestjonat fil-biċċa l-kbira miż-żmien, sat-tlestija tal-Fażi II (ara premessa 7 u 42 hawn fuq).
- (47) Għal dawk ir-raġunijiet, l-integrazzjoni tal-parteċipanti fis-suq ta' Kreta fis-suq tal-elettriku Grieg tikkawża kostijiet għoljin ta' dispaċċ mill-ġdid jekk titwettaq permezz tal-estensjoni taż-żona tal-offerti Griega għal Kreta (ara premessa 7 u 42 hawn fuq). Min-naħa l-oħra, il-ħolqien ta' żona tal-offerti separata għal Kreta mhux proporzjonat għal perjodu qasir ta' żmien u minħabba li t-tlestija tal-fażi II jenħtieġ li taffi kwalunkwe konġestjoni strutturali bejn in-network tal-elettriku ta' Kreta u n-network kontinentali tal-elettriku Grieg (ara premessa 8 u 43 hawn fuq).
- (48) Fid-dawl ta' dak li ntqal fil-premessi (42) sa (47) kif ukoll fil-premessi (7) u (8), il-Kummissjoni tikkonkludi li l-Greċja wriet li hemm problemi sostanzjali għat-tħaddim tas-sistema tal-elettriku fi Kreta bħala sistema konnessa żgħira, sakemm tilesta l-interkonnessjoni sħiħa mal-grilja kontinentali. Il-mudell ibridu temporanju propost mill-awtoritajiet Griegi għandu l-għan li jindirizza dawk il-problemi u jrendi benefiċċji sinifikanti meta mqabbel mal-integrazzjoni sħiħa tas-sistema ta' Kreta fis-suq tal-elettriku Grieg matul il-perjodu tranżizzjonali.

### 5.3. Ambitu tad-deroga

- (49) Sabiex jiġi implimentat il-mudell ibridu għall-gżira ta' Kreta matul il-perjodu tranżizzjonali, huma meħtieġa derogi mid-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 6, 7(1), 8(1) u 8(4), 9, 10 u 11 tar-Regolament (UE) 2019/943 u mill-Artikolu 40(4) sa (7) tad-Direttiva (UE) 2019/944.
- (50) L-Artikolu 64 tar-Regolament (UE) 2019/943 ma jindirizzax il-possibbiltà ta' deroga mill-Artikolu 13 tiegħu. Madankollu, minħabba d-deroga, fejn tingħata deroga, mill-Artikoli 6, 7(1) u 8(1), l-Artikolu 13, *de facto*, mhux se jkun applikabbli. Fil-fatt, l-Artikolu 2(26) tar-Regolament (UE) 2019/943 jiddefinixxi "dispaċċ mill-ġdid" bħala miżura, inkluż tnaqqis, li hija attivata minn operatur wieħed jew aktar tas-sistema ta' trażmissjoni jew minn operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni permezz tal-modifika tal-mudell ta' ġenerazzjoni, tat-tagħbija, jew it-tnejn sabiex jinbidlu l-flussi fiżiċi fis-sistema tal-elettriku u tittaffa konġestjoni fiżika jew li tiġi żgurata s-sigurtà tas-sistema. Ir-raġunament sottostanti huwa li l-operatur tas-sistema jikkoreġi l-eżitu tas-suq biex jiżgura li jkun koerenti mal-kapaċitajiet fiżiċi tan-network. Fejn il-qafas fundamentali tas-suq ikun għadu mhux applikabbli, dik il-korrezzjoni ma jkollha l-ebda mertu miżjud.
- (51) Barra minn hekk, id-dispaċċ mill-ġdid isir fil-Greċja kontinentali bl-użu tal-offerti ta' bbilanċjar, f'konformità mal-Artikolu 13(2) tar-Regolament (UE) 2019/943. In-nuqqas ta' swieq tal-ibbilanċjar fi Kreta għad-durata tad-deroga għalhekk ma jippermettix l-integrazzjoni fil-metodoloġija Griega ta' dispaċċ mill-ġdid.
- (52) Konsegwentement għall-premessi (49), (50) u (51), l-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2019/943, *de facto*, mhux se jkun applikabbli. Madankollu, il-Kummissjoni m'għandhiex is-setgħa tadotta deċiżjoni fir-rigward ta' dik id-dispożizzjoni u għalhekk mhix se tagħti deroga formali f'dak ir-rigward.
- (53) Skont il-mudell ibridu, fi Kreta, l-operatur tas-Sistema ta' Trażmissjoni Griega IPTO S.A. mhux se jakkwista servizzi ta' bbilanċjar u servizzi anċillari mhux tal-frekwenza f'konformità mal-Artikolu 40(4) sa (7) tad-Direttiva (UE) 2019/944, bħala riżultat tad-deroga mill-Artikoli 6 u 7(1) tar-Regolament (UE) 2019/943.
- (54) Għalhekk id-deroga hija applikabbli biss għal Kreta.

### 5.4. L-ebda xkiel għat-tranżizzjoni lejn enerġija rinnovabbli, aktar flessibbiltà, ħżin tal-enerġija, elettromobbiltà u rispons għad-domanda

- (55) Skont il-ħames subparagrafu tal-Artikolu 64(1) tar-Regolament (UE) 2019/943, deċiżjoni ta' deroga għandha tiżgura li ma tostakolax it-tranżizzjoni lejn l-enerġija rinnovabbli, aktar flessibbiltà, ħżin tal-enerġija, elettromobbiltà u rispons tad-domanda.
- (56) Sakemm kien hemm mill-inqas interkonnessjoni parzjali mal-Greċja kontinentali, ġew applikati limitazzjonijiet tekniċi għal Kreta, li jimponu penetrazzjoni massima ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli għal 25 % tat-tagħbija, minħabba restrizzjonijiet tas-sigurtà operazzjonali. It-tlestija tal-Faзи I se ttaffi dik il-limitazzjoni imposta fuq l-enerġija rinnovabbli. Il-mudell ibridu jippermetti lil Kreta tesporta l-elettriku tagħha f'każ ta' ġenerazzjoni b'tagħbija baxxa u ġenerazzjoni għolja ta' enerġiji rinnovabbli, sabiex jiġi evitat it-tnaqqis tal-enerġija rinnovabbli.
- (57) Rigward iż-żieda fil-flessibbiltà, il-ħżin tal-enerġija u r-rispons għad-domanda, il-possibbiltà li jiġu offruti servizzi ta' flessibbiltà, inkluż il-ħżin, biex isostnu s-sistema elettrika tiddependi mill-kwalità tas-sinjali tal-prezz u mill-kapaċità tagħhom li jipprovdu investment effiċjenti u inċentivi ta' dispaċċ lil dawk il-fornituri tas-servizz. Bħala regola, il-konġestjoni strutturali f'żona tal-offerti, li se tkun il-każ matul il-perjodu tranżizzjonali mill-Faзи I għall-Faзи II, tista' tirriżulta f'sinjali ta' investment distorti għal servizzi ta' flessibbiltà speċifiċi għall-post. Madankollu, f'approċċ ta' żewġ żoni tal-offerti għal Kreta u għall-Greċja kontinentali, is-sinjal ta' investment ikun instabbli ħafna, minħabba l-perjodu ta' żmien għat-tlestija ta' Faзи II u l-interkonnessjoni sħiħa ta' Kreta mal-Greċja kontinentali, li se ttaffi l-konġestjoni strutturali. Għalhekk, peress li l-konnessjoni mal-kontinent se tippermetti provvista ta' servizzi ta' flessibbiltà bbażata fuq is-suq, deroga għal żmien qasir li tippermetti integrazzjoni rapida ta' Kreta fis-sistema kontinentali hija ta' benefiċċju għall-integrazzjoni tar-rispons għad-domanda, tal-ħżin tal-enerġija u ta' sorsi oħra ta' flessibbiltà.

- (58) L-Artikolu 64 tar-Regolament (UE) 2019/943 ma jirrikjedix deċiżjonijiet ta' deroga biex jiġi mmassimizzat il-potenzjal għall-flessibbiltà jew għall-ħżin tal-enerġija, iżda biss biex ikun hemm l-għan li jiġi żgurat li d-deroga ma xxekkklux. Fi kliem ieħor, id-deroga ma għandhiex tipprevjeni żviluppi li, mingħajr id-deroga, iseħħu b'mod naturali. F'dak ir-rigward, l-istatus temporanju tad-deroga, u t-tnejn għal operazzjoni sħiħa tas-suq malli titlesta l-Fażi II, huma ta' importanza kbira.
- (59) Għalhekk, filwaqt li d-deroga ma xxekklix it-tranżizzjoni lejn flessibbiltà akbar inkluż il-ħżin tal-enerġija, huwa importanti li titqies il-ħtieġa li jkun hemm sinjali ta' investment xierqa u l-impatt tad-deroga fuq il-ħżin possibbli jew investimenti oħra ta' flessibbiltà.
- (60) Minħabba l-aspett tranżizzjonali tiegħu, il-mudell ibridu ma għandu l-ebda impatt notevoli fuq l-iżvilupp ulterjuri tal-enerġija rinnovabbli, il-flessibbiltà, il-ħżin tal-enerġija, l-elettromobbiltà u r-rispons għad-domanda.
- (61) Skont l-Artikolu 64(1) tar-Regolament (UE) 2019/943, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi sa liema punt id-deroga għandha tqis l-applikazzjoni tal-kodiċijiet u l-linji gwida tan-network. Ħlief għad-dispożizzjonijiet affettwati mill-kamp ta' applikazzjoni tad-deroga spjegati fit-taqsim 5.3 hawn fuq, il-kodiċijiet u l-linji gwida tan-network huma applikabbli għal Kreta.

#### 5.5. Limitazzjoni tad-deroga fiż-żmien u l-kundizzjonijiet li għandhom l-għan li jżidu l-kompetizzjoni u l-integrazzjoni mas-suq intern tal-elettriku

- (62) L-Artikolu 64 tar-Regolament (UE) 2019/943 jistipula b'mod espliċitu li d-deroga għandha tkun limitata fiż-żmien u li għandha tkun soġġetta għal kundizzjonijiet li għandhom l-għan li jżidu l-kompetizzjoni u l-integrazzjoni mas-suq intern tal-elettriku.
- (63) It-talba għal deroga hija limitata għall-perjodu tranżizzjonali li jestendi sa mhux aktar tard minn tmiem l-2023.
- (64) Huwa mifhum, li sa tmiem l-2023, l-interkonnettur bejn Kreta u s-sistema kontinentali Griega huwa mistenni li jkun operazzjonali, flimkien mal-infrastruttura xierqa tal-kejl li tippermetti lil Kreta ssir parti mis-swieq tal-elettriku bl-ingrossa Griegi. Kwalunkwe dewmien ieħor ikun jeħtieġ talba għal deroga ġdida.

#### 5.6. Il-ħin tal-effett

L-Aplikazzjoni waslet qabel it-tlestija tal-Fażi I. Sabiex jiġu evitati bidliet rapidi u imprevedibbli tal-qafas regolatorju, li jistgħu jagħmlu ħsara serja lill-funzjonament tas-suq fil-gżira ta' Kreta u possibbilment fil-Greċja kontinentali, din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tapplika mid-data tal-bidu tat-tħaddim tal-Fażi I.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### Artikolu 1

Tingħata deroga lir-Repubblika Ellenika mid-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 6, 7(1), 8(1) u (4), 9, 10 u 11 tar-Regolament (UE) 2019/943 u mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 40(4) sa (7) tad-Direttiva (UE) 2019/944, fir-rigward ta' Kreta.

#### Artikolu 2

Id-deroga mogħtija skont l-Artikolu 1 għandha tapplika sal-31 ta' Diċembru 2023 jew sat-tlestija tal-Fażi II tal-interkonnessioni bejn Kreta u l-Greċja kontinentali, skont liema tiġi l-ewwel.

#### Artikolu 3

Ir-Repubblika Ellenika għandha tinforma lill-Kummissjoni Ewropea sa tmiem l-2022 dwar il-progress u l-ippjanar li jifdal lejn it-tlestija u l-operat kummerċjali tal-Fażi II tal-interkonnessioni bejn Kreta u l-Greċja kontinentali, inkluż fir-rigward tal-iskjerament u t-tħaddim tal-infrastruttura tal-kejl adegwata li tippermetti l-parteċipazzjoni ta' Kreta fis-suq Grieg tal-operaturi u tal-ibbilanċjar.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Ellenika.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Frar 2022.

*Għall-Kummissjoni*  
Kadri SIMSON  
*Membri tal-Kummissjoni*

---





ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)  
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)